32002R0595

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 595/2002

tal-5 ta' April 2002

li jemenda u jirretifika r-Regolament (KE) Nru 1520/2000 li jistabbilixxi regoli dettaljati komuni għall-applikazzjoni tas-sistema ta' l-għoti ta' rifużjonijiet għall-esportazzjoni fuq ċerti prodotti agrikoli esportati fil-forma ta' merkanzija mhux koperta bl-Anness I għat-Trattat, u l-kriterji għall-iffissar ta' l-ammonti ta' tali rifużjonijiet

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3448/93 tas-6 ta' Diċembru 1993 li jistabbilixxi arranġamenti għan-negozju applikabbli għal ċerta merkanzija li tirriżulta mill-ipproċessar ta' prodotti agrikoli [1], kif l-aħħar emendat permezz tar-Regolament (KE) Nru 2580/2000 [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 8(3) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1520/2000 tat-13 ta' Lulju 2000 jistabbilixxi regoli dettaljati komuni għall-applikazzjoni tas-sistema ta' rifużjoni ta' flus għall-esportazzjoni fuq ċerti prodotti agrikoli esportati fil-forma ta' merkanzija mhux koperta permezz ta' l-Anness I għat-Trattat, u l-kriterja għall-iffissar ta' l-ammonti ta' tali rifużjoni ta' flus [3], kif l-aħħar emendat permezz tar-Regolament (KE) Nru 1563/2001 [4], għandu jkun emendat sabiex jipprovdi li r-regoli dettaljati kif stabbiliti permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2298/2001 tas-26 ta' Novembru 2001 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-esportazzjoni ta' prodotti pprovduti bħala għajnuna ta' l-ikel [5], huma applikabbli għall-applikazzjonijiet għaċ-ċertifikati ta' rifużjoni ta' flus u ċertifikati għar-rifużjoni ta' flus maħruġa għall-esportazzjoni ta' prodotti pprovduti bħala għajnuna ta' l-ikel.

(2) Id-data ta' skadenza għas-sottomissjoni ta' l-applikazzjoni speċifika, fejn id-dikjarazzjoni ta' esportazzjoni mhix l-applikazzjoni speċifika, kif ipprovduta fl-Artikolu 7(4), tieni subparagrafu tar-Regolament (KE) Nru 1520/2000, tagħti lok għal diffikultajiet f'xi Stati Membri. Huwa xieraq li dawn id-diffikultajiet ikunu ndirizzati u li r-reżoluzzjoni tkun applikata għall-fajls li għadhom miftuħin fiż-żmien tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

(3) L-Anness B jipprovdi għall-pagament ta' rifużjoni taz-zokkor għal dak li għandu x'jaqsam mal-kodiċijiet NM 2101 30 11 u 2101 30 91. Dawn il-kodiċijiet m'humiex imniżżla fl-Anness V għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1260/2001 tad-19 ta' Ġunju 2001 fuq l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor [6]. Għalhekk, l-Anness B jeħtieġ jiġi rettifikat.

(4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1520/2000 għandu għalhekk ikun emendat u rettifikat.

(5) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma in konformità ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni dwar Mistoqsijiet Orizzontali li jikkonċerna n-Negozju fil-Prodotti Agrikoli Proċessati li ma humiex imniżżla fl-Anness I għat-Trattat,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 1520/2000 huwa emendat kif ġej:

1. L-Artikolu 6(1), it-tieni subparagrafu, huwa sostitwit permezz tas-segwenti:

   "Is-subparagrafu ta' qabel ma għandux japplika għall-provvisti msemmija fit-tielet daħla ta' l-Artikolu 4(1) jew l-Artikoli 36, 40, 44, 45 u l-Artikolu 46(1) tar-Regolament (KE) Nru 800/1999, jew għall-esportazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 14."

2. L-Artikolu 7(4), it-tieni subparagrafu, huwa sostitwit permezz tas-segwenti:

   "Il-ħtieġa primarja għandha tkun ikkunsidrata li ġiet imwettqa jekk l-esportatur ittrasmetta l-applikazzjoni(jiet) li jirrigwardaw il-merkanzija matul il-perijodu ta' validità taċ-ċertifikat ta' rifużjoni in konformità mal-kondizzjonijiet stabbiliti f'sezzjoni VI ta' l-Anness F. Fejn l-applikazzjoni speċifika mhix d-dikjarazzjoni ta' esportazzjoni, għandha tintbagħat fi żmien tliet xhur mid-data ta' skadenza taċ-ċertifikat ta' rifużjoni li fih in-numru li ġie mdaħħal fuq l-applikazzjoni speċifika, ħlief fil-każ ta' *force majeure*."

3. L-Artikolu 10 huwa sostitwit permezz tas-segwenti:

   "L-Artikolu 10

   Ir-Regolament (KE) Nru 2298/2001 għandu japplika għall-applikazzjonijiet għaċ-ċertifikati ta' rifużjoni u ċertifikati ta' rifużjoni maħruġa għall-esportazzjoni ta' merkanzija, li huma parti ta' operazzjoni internazzjonali ta' għajnuna ta' l-ikel fit-tifsira ta' l-Artikolu 10(4) tal-Ftehim."

[1] ĠU L 318, ta' l-20.12.1993, p. 18.
[2] ĠU L 298, tal-25.11.2000, p. 5.
[3] ĠU L 177, tal-15.7.2000, p. 1.
[4] ĠU L 208, ta' l-1.8.2001, p. 8.
[5] ĠU L 308, tas-27.11.2001, p. 16.
[6] ĠU L 178, tat-30.6.2001, p. 1.

4. L-Anness F huwa emendat kif isegwi:

F'sezzjoni I, paragrafu 2, l-aħħar sentenza hija mħassra.

L-Artikolu 2

L-Anness B għar-Regolament (KE) Nru 1520/2000 huwa rettifikat kif isegwi:

1. Id-daħla għal dak li jirrigwarda l-kodiċi CN 2101 30 11 hija mħassra.

2. Id-daħla għal dak li jirrigwarda l-kodiċi CN 2101 30 91 hija mħassra.

L-Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Il-modifika pprovduta fl-Artikolu 1(2) għandha tapplika għall-fajls li għadhom miftuħin meta dan ir-Regolament daħal fis-seħħ.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, il-5 ta' April 2002.

Għall-Kummissjoni

Erkki LIIKANEN

Membru tal-Kummissjoni